# Fi żmien l-Assedju

Ix-xemx kienet għadha kemm niżlet, u d-dlamijiet bdew isewdu lir-rħula wil-bliet.

F'għorfa ta' razzett żewġt irġiel wieħed ftit xwejjaħ u l-ieħor żagħżugħ kienu bil-qiegħda fuq borġ ġebel. Quddiem il-ftuħ tal-għorfa kien hemm żewġ sefturi bix-xwabel misluta lesti b'ex jilqgħu lura minn ried jidħol ġewwa. Iż-żewġt irġiel tal-għorfa kienu missier u iben ta' demm qadim nobbli Kastellan li għall-mijiet ta' snin għexu Malta. It-tnejn kienu sofor mewt, lewn li jaqta' ħafna ma' lewn l-ilbiesi tagħhom aħmar u dehbi.

B'għajnejhom ċassi f'wiċċ xulxin, it-tnejn riedu jitkellmu iżda ma' setgħux. Fl-aħħar wara ħafna żmien il-missier kiebi fetaħ ħalqu w qal. "Ibni, iż-żmien wasal li għandna ninfirdu. Min hawn u jumejn oħra x-xwieni Torok għandhom iniżżlu 'l Dragut u niesu f'din il-gżira w jien sejjer nilqagħhom; il-palazz w l-qbiela tiegħi jsiru tiegħek jekk ma niltaqgħux iżjed. Saħħa, ibni. Il-kavalieri qatlu l missieri u jien nobgħodhom u nitlob vendetta minnhom. Selli għal ħbiebi l-Maltin, Anton; selli għal kullħadd u għidilhom li jien qed niġġieled kontra l-uċuħ foloz tal-kavalieri li għakksu dejjem il Maltin. Int m'għadekx tifel u għalhekk agħżel 'il min trid, it-Torok jew il kavalieri.

Anton mimli bid-dwejjaq, b'rasu lejn l-art iżda b'kelma soda, qal:—"Missier, tassew kollu kemm hu li l-kavalieri ma jistgħux għalina iżda jekk jirbaħ il-mislem x'isir minna? Huma joħdulna xbejbietna fi djarhom, u jġorru lilna ilsiera fuq ix-xwieni. Il-għaqda tal-Maltin tisfa mejta, u x-xewqa tiegħi li l quddiem Malta għad ikollha l-qima ta' nazzjon ittir mar-riħ." Siket Anton u ħemda waqgħet fl-għorfa. Il-missier, isfar bl-għaraq sħajjen fuq wiċċu, b'ħarsa xettika iżda li tagħder u li tixtieq dak li qal ibnu jsir, resaq lejn Anton u ħaddnu miegħu. Kemm bews u biki xterdu dak il-ħin!

........................................................................

Iż-żmien kien daħal sewwa mindu t-Torok niżlu f'Malta. Sant Jiermu fit-23 ta Ġunju waqa' u t-taqbid għal Sant'Anġlu ħrax.

Fl-ewwel ta' Lulju Anton ntgħażel bħala Kapt tat-tkixxifa. Dak il-lejla stess Anton, kellu jitkixxef il-ħidma tat-Torok bejn l-Imdina u Sant'Anġlu.

Il-qamar kien imgħotti minn sħab ħafif, u żiffa ħelwa sajfija fewġet ma' wiċċ Anton li liebes ta' Tork kien qisu gremxula titkaxkar mas-sodda niexfa tal-wied.

Wara siegħa mixi Anton waqaf u strieħ taħt ħarruba. Wara ftit il-qamar ħareġ wiċċu mis-sħab u wera dell ta' raġel fuq żiemel. Anton kif ra hekk ħass bħal dehxa, qabad il-qaws taħt dirgħajh, u tkaxkar minn taħt il-ħarruba biex jara min hu. Fuq blata maħruġa 'l barra fuq il-wied raġel xwejjaħ sabiħ xuxtu bajda silġ, riekeb fuq żiemel iswed tuta, kien qiegħed iħares u jissamma' lejn il-wied. Anton ħares ċass lejh, ħass bħal tagħfisa fil qalb, u ħaseb. Isfar mewt Anton refa' l-qaws u ħa l-mira bil-mod fuq sieq ix-xellugija ta' quddiem taż-żiemel qisu għadu ma jafx x'jagħmel. Fl-aħħar instemgħet tvenvina, iż-żiemel milqut għotor, waqa' ġol-wied u miegħu r-rikkieb. Il-wied iġġenġel bil-ħoss w Anton ġera lejn ix-xwejjaħ, qabadlu wiċċu u biesu għal ħafna drabi. Ix-xwejjaħ wara ftit żmien fetaħ għajnejh, għarfu u sejjaħlu "Anton". Anton imbikki qal: "Aħfirli, missieri" u missieru wieġbu "Għamilt dmirek... It-Torok ifaħħru... ħafna... lilkom". Dawn kienu l-aħħar kliem bejn il-missier u l-iben. Din kienet l-aħħar laqgħa bejniethom!

..............................................................................

Ix-xewqa ta' Anton wara r-rebħa ma seħetx għax il-Maltin, bħala ġens misħut minn Alla, dejjem imrobbi ilsir ta' ġnus kbar, minn twelidu ma ħasibx qatt għalli ġej. Il-Maltin imlew żaqqhom bix-xorb u bit-tifħir tal-kavalieri. Il-Maltin ta' dak iż-żmien bħala rebbieħa ma talbux art kbira li tasa' lilhom, lil uliedhom u lil nieshom li ġejjin.

Wara ftit żmien tar-rebħa tat-8 tas-Settembru l-kavalieri għakksu iżjed il-Maltin.

Din hi l ġrajja tal-ġnus ilsiera.

MORS MEA VITA TUA.